Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 346/2015

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

Joel Caruana

Illum 17 ta' Marzu, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joel Caruana, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 88591M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'xi jum matul il-perjodu ta' bejn il-15 ta' Dicembru, 2013 u x-xhur ta' qabel din id-data 2013, f'dawn il-Gzejjer:-
2. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-Korp tal-Pulizija u/jew entitajiet ohra, wegggha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, liema ingurja saret b'kitba, b'figura jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku.
3. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u/jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija;

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi kkommetta reati matul il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qrati ta' Malta, datati 5 ta' Frar, 2013, u 22 ta' Novembru, 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, meta wara li gie misjub hati ta' diversi reati, nhar il-5 ta' Frar, 2013, gie kkundannat ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija, liema perjodu ta' prigunerija kien gie sospiz ghal erba' snin, u nhar it-22 ta' Novembru, 2010 kien gie kkundannat ghall-perjodu ta' ghaxar xhur prigunerija liema perjodu ta' prigunerija kien gie sospiz ghal sentejn, liema sentenza kienet regghet giet estiza ghall-perjodu ta' erba' snin fil-5 ta' Frar, 2013;
5. Finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-22 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 28A, 28B, 49, 59 u 252 (3) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 9 (a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma sabitx lill-imputat JOEL CARUANA hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u illiberatu minn kull imputazzjoni u piena.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2015, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenża appellata billi filwaqt li tikkonferma in-nuqqas ta' applikabbilta' tal-artikolu 18 tal-kodiċi Kriminali fir-rigward tal-akkużi miġjuba kontra Joel Caruana, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz kif ukoll il-liġi applikabbli għaliha, ssib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontriħ u tipprosegwi sabiex tinfliġġi l-piena xierqa u applikabbli skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Joel Caruana esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta giet biex tillibera lill-appellat mill-akkużi kollha miġjuba kontriħ, inter alia għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-provi ippreżentati f'din il-proċedura u pertinenti għal każ in kwistjoni, u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi preliminarjament u għal kull buon fini jiġi ddikjarat illi l-esponent appellanti Avukat Ġenerali qed jintavola dan l-appell fid-dawl tal-liberatorja tal-akkużi kollha iżda mingħajr l-applikazzjoni tar-reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali li ġie ipprospettat mal-akkużi kollha miġjuba kontra l-appellat.

Illi b'kull rispett lejn is-sentenza tal-ewwel Qorti, jibda biex jingħad li filwaqt li ma kienx hemm il-konferma legali mill-facebook innifsu dwar l-identita' tal-ammistratur tas-sit in kwistjoni kien hemm provi u xhieda oħra li xehdu matul dawn il-proċeduri li kkonfermaw l-identita' ta' Joel Caruana kif akkużat f'dawn il-proċeduri bħala l-persuna li kienet ser torganizza dan il-festin u li kienet responsabbli għall-paġna tal-facebook fejn inkitbet il-post partikolari. Hemm ukoll indikazzjoni ċara li l-identita' ta' min kiteb dik il-post u l-appellat huma wkoll l-istess persuna u kwindi l-ewwel Qorti kienet errata meta' lliberat lill-appellat mill-akkużi kollha sempliċiment minħabba prova li skond Hi kienet tħoll u torbot kollox f'dan il-każ.

Preliminarjament b'referenza għax-xhieda prodotti, skond it-testimonjanza tas-Supretendent Carmelo Bartolo l-appellat ma kienx ċaħad oriġinarjament li hu kien l-organizatur ta' dan il-party. Mhux talli hekk, talli meta' bagħtu għaliħ wara li kien hemm il-post fuq facebook l-appellat di sua sponte skuża ruħu tal-post li kien għamel peress li ried iġib skuża ma min laħaq xtara l-biljetti għall-party in kwistjoni u li kien ser jipprosegwi sabiex iħassar l-imsemmija post. Kwindi oriġinarjament hu ma nnega xejn minn dana kollu. Dan id-diskors ma sarx biss fil-preżenza tas-Supretendent Bartolo iżda anki fil-preżenza ta' L-ex Deputat Kummissarju Raymond Zammit u s-Supretendent Sandro Gatt fejn l-aħħar xhud imsemmi xehed fil-proċeduri fejn ikkonferma dan il-fatt fost fatti oħrajn li juru l-konspevolezza u l-involviment dirett tal-appellat fl-organizazzjoni ta' dan il-party u fil-kitba ta' dan il-

post partikolari li wassal għal dawn il-proċeduri[1]. Madankollu l-Qorti straħet fuq iċ-ċaħda tal-appellat milli fuq il-kelma ta' żewġ uffiċjali tal-korp tal-pulizija li entrambe kkonfermaw li a tempo verġine u qabel irrilaxxa l-istqarrija li tinstab eżebita fl-atti, l-appellat kien ikkonferma bi kliemu stess li kien hu li kiteb il-post in kwistjoni. Dan huwa iktar sostanzjat bil-fatt li meta wieħed jagħmel referenza għall-paġna tal-facebook intestat JoelC Events and Marketing[2] u jara kemm l-isem kif ukoll in-numru tal-manager ta' din il-paġna insibu kemm isem Joel Caruana indikat bħala l-uniku manager ta' din il-paġna kif ukoll in-numru tal-mobile tiegħu li ġie kkonfermat mix-xhud Marisa Gauci għan-nom tas-soċjeta' Vodafone li dan in-numru jappartjeni għall-istess appellat Joel Caruana. Anki d-dettalji personali jaqblu ma dawk tal-appellat u in oltre anki l-logo ta' JoelC Events and Marketing li tidher fuq il-pagna tal-facebook in kwistjoni taqbel ma dik li hemm fuq il-poster ta' dan l-avveniment li ġie ppreżentat in atti bħala Dok BC2[3].

Illi prova oħra li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra wkoll kienet ix-xhieda ta' Joseph Cachia li huwa sid l-istabilliment Caribbean fejn filfatt kien ser jinzamm dan il-party u li kien personalment tkellem ma u akkumpanja lil Joel Caruana sabiex jitkellem mal-pulizija dwar dan l-avviniment li kien ser jiġi organizzat b'mod illegali. Hu filfatt għaraf lil Joel Caruana bħala l-organizzatur ta' dan il-party li ergo huwa l-istess Joel Caruana indikat bħala l-manager tal-facebook page JoelC Events and Marketing. Bir-rispett kollha dawn huma sensiela ta' provi li jikkonfermaw dan in-ness dirett fejn l-uniku organizatur u amministratur ta' dan il-facebook page kien Joel Caruana qua l-appellat. Ma kienx hemm persuni jew numru telefoniċi oħra indikati u kwindi bir-rispett kollu l-argument li seta' kien hemm ħaddieħor li kiteb dan il-post meta l-unika persuna li kellha tali interess kien l-appellat ma tantx treġi u dan speċjalment tenut kont tal-fatt li hu kien ammetta dan il-fatt għax skuża ruħu talli kien kiteb dak il-kumment dispreġattiv mal-pulizija qabel tressaq il-Qorti. Anki jekk wieħed idur biex jara l-kontenut tal-istqarrija tal-appellat fejn ċaħad assolutament kollox allavolja kien stqarr mod ieħor fi stadju oriġinali jidher ċar li l-appellat ma kienx qed jgħid il-verita jew kien qed jagħwweġ il-verita' biex jiġi

[1] Xhieda tas-Supretendent Sandro Gatt a folio 76 u 77 tal-atti proċesswali.
[2] Paġna 57 tal-atti proċesswali – Dok BC1.
[3] Paġna 58 tal-atti proċesswali.

eżonerat minn kwalunkwe responsabbilta' kriminali li jista jaffaċja. Preliminarjament naraw li hu ċaħad li huwa JoelC jew li jaf min hu. Ironikament pero l-appellat iffirma l-istqarrija tiegħu bħala JoelC fuq kull waħda mill-paġni u anki fejn mitlub jiffirma fil-bidu u fl-aħħar tal-istqarrijiet ai fini tal-volontarjeta' u legalita' tal-istqarrija[4]. Di piu meta ġie rinfaċċat bid-diskors li kien stqarr mal-pulizija ftit tal-ħin qabel u dan ripetutament hu baqa jevadi mill-mistoqsijiet bi tweġibiet twal u evasivi għall-aħħar fejn prattikament ma qal xejn għajr li ċaħad kollox inkluz azzjonijiet jew kliem tiegħu stess li hu kien għadu kif għamel jew iddikjara quddiem membri oħra tal-Korp tal-Pulizija. Bir-rispett kollu jingħad illi anki dan kollu ġie skartat mill-ewwel Qorti li mill-banda l-oħra tgħid li l-prosekuzzjoni m'għamlitx xogħla sew għax naqset milli ġġib provi basiċi…liema provi pero kienu filfatt ġew ippreżentati quddiem l-ewwel Qorti kif hawn fuq indikat.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam sottopost ghall-gudizzju ta' din il-Qorti mill-Avukat Generali huwa marbut ma'l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta gie deciz illi l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz naqqset milli tressaq l-ahjar prova konsistenti f'prova dwar min ghandu il-kontroll tas-sit elettroniku tal-*facebook* intestat f'isem JOELC Events and Marketing minn fejn originat il-kitba allegatament ingurjuza mertu ta' dan il-kaz.

Illi dan il-kaz kien marbut ma'l-organizazzjoni ta' *party* ghal zghazagh ta' taht l-eta. Il-pulizija kellhom suspett illi dan il-*party* kien ser jigi organizzat mill-appellat meta huwa ma setax jaghmel dan in vista ta' zewg sentenzi moghtija fil-konfront tieghu fuq akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni. Dan il-*party* kien qed jigi reklamat fuq is-sit imsemmi, li l-Prosekuzzjoni u kwindi l-Avukat Generali fl-appell interpost minnu, qed isostnu illi kien sit taht il-kontroll ta'l-appellat billi kien hemm indikat li hu kien il-General Manager u anke kien jidher in-numru tat-telefon cellulari tieghu fuq l-istess sit. Ghalhekk jikkonkludu illi hu biss seta' itella l-*post* mertu tal-kaz fuq dina l-pagna tal-*facebook* li kienet iggib is-segwenti kliem:

[4] Paġni 13 sa 19 tal-atti proċesswali – Dok TM4.

*"The event  is not going to happen because Police & Authorities didn't give us the permission to do the event at Caribbean Club after they told us that it was ok to do the event away from Paceville."*

Illi s-Supretendent Carmelo Bartolo li kien involut f'dan il-kaz ighid illi hassu malafamat b'dina l-kitba peress illi din kienet tikkontjeni informazzjoni inveritjiera. Dan ghaliex ighid illi lanqas biss kienet saret applikazzjoni biex jinhareg il-permess tal-pulizija sabiex isir dan l-*event* u kwindi ma setax ikun illi tali permess gie michud. Fil-fatt isostni illi minhabba f'din il-kitba huwa kien gie investigat mis-superjuri tieghu ghaliex kienu hassbu illi seta inhareg xi permess meta dan ma setax isir minhabba l-kundanni precedenti ta'l-appellat.

Illi allura kif gustament irriteniet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, l-ewwel prova li kellha tressaq l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kien in-ness bejn l-appellat u il-persuna li kellha kontroll fuq dan is-sit u jekk kienx possibbli, kif jallega l-appellat, illi kulhadd seta jitfa' l-kummenti tieghu fuq dina l-pagna tal-*facebook*. Illi ghalkemm huwa probabbli illi l-appellat kellu konnessjoni ma' din il-pagna tal-*facebook* u dan ghar-ragunijiet kollha indikati mill-Avukat Generali fl-appell minnu interpost, madanakollu dawn il-provi ma jistghux jilhqu il-grad tal-prova rikjesta mill-prosekuzzjoni ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellat, anke jekk *dato ma non concesso* kellu jirrizulta ippruvat illi kien l-appellat li fil-fatt kien wiehed mill-organizzaturi ta' dan il-*party*. Kif tista' l-Qorti tasal sal-grad tac-certezza morali illi ma setax kien hlief l-appellat li tella' il-*post* in kwistjoni fuq dan is-sit elettroniku u mhux persuna ohra. Kif tista il-Qorti teskludi l-possibilita' li seta' kien hemm xi persuni ohra li ghandhom kontroll fuq dan is-sit meta din l-prova ma ingiebitx,

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta qalet hekk ghar-rigward tal-provi indizzjarji jew cirkostanzjali[5]:

**"Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija."**.

---

[5] Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg 17/09/2008

Fil-kaz fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

**'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi."**

Fuq l-istess linja inisbu:

**'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat**[6].

Stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali allura huwa bil-wisq evidenti illi l-indizzji indikati mill-Avukat Generali fil-lanjanza tieghu ma jilhqux dik l-grad ta' prova mehtiega ghal sejbien ta' htija ghalkemm il-Qorti tista tasal fuq bazi ta' probabbilita' kif inghad. Dan ghaliex min hu imsejjah biex jiggudika ma jista' qatt jasal ghal sejbien ta htija fil-konfront tal-persuna akkuzata meta l-provi in atti ma jistghux jistabbilixxu ness bejn l-kumment li deher fuq is-sit elettroniku mertu tal-kaz u l-imputat u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Dan apparti kull konsiderazzjoni ohra legali dwar kemm hi legalment sostenibbli l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellanti a tenur ta'l-artikolu 252 tal-Kapitolu 9, liema disposizzjoni tal-ligi tikkontempla ir-reat tal-ingurja permezz tal-kitba, meta hawn si tratta mhux ta' ingurja maghmula bil-hsieb li ittellef jew tnaqqas il-gieh tal-persuna lejn min hi diretta, fejn allura hija mehtiega l-*animus injuriandi*, imma semmai tixbah biss informazzjoni inveritjiera jew hekk imsejjha gidba dwar fatt li ma sehhx, liema konsiderazzjoni madanakollu ma tifformax il-mertu ta' dan l-appell.

[6] Il-Pulizija vs Paul Grech 06/04/2001

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur